MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Numru. 174/2002

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)
(Spettur Joseph Agius)
vs
Oliver Demicoli
Shaun Demicoli

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli :

Lil Oliver Demicoli wahdu :

a. Talli nhar it-2 ta’ Marzu, 2002, ghall-habta tas-siegha ta’ fighodu, f’Birzebbugia dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta’ Ahmet Mangirci f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-eskuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ta daqqa ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta f’parti vitali tal-gisem ta’ l-imsemmi Ahmet Mangarci, liema delitt

ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;
b. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'permezz ta' strument li jaqta u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Ahmet Mangirci, liema offiza giet maghmula b'ferita li dahhlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, skond kif gie ccertifikat mit-tabib Dr Moses Camilleri M.D. u tobba ohra ta' l-isptar San Luqa;
c. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta;
d. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, u kif ukoll fil-jiem ta' qabel din id-data f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil Shaun Demicoli wahdu :
f. talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Ahmet Mangirci, hekk kif gie ccertifikat mit-Tabib Moses Camilleri M.D. u tobba ohra ta' l-isptar San Luqa;

Lil Oliver Demicoli u Shaun Demicoli flimkien :

g. talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bieb principali tal-hanut "Laura's Place", fi Pretty Bar B'Bugia u kif ukoll hsara fuq il-vettura KAB 307, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (LM 50) izda ma taccedix l-hames mitt lira Maltin (LM 500) u dan ghad-detriment ta' Noel Falzon u Mario Cauchi rispettivament;
h. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
i. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
j. talli huma saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti, liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tad-9 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fil-konfront taz-zewg imputati :

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 325 (a), 338 (m), 338 (dd), 49, 50, 17 (b), 17 (c), 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 2, 13, 19, 25, 23, 26 u 27 tal-Kap. 66 fil-konfront ta' Oliver Demicoli;
U semghet liz-zewg imputati iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz liz-zewg imputati fuq imsemmija minn jeddhom u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur;

Rat in-Noti ta' Osservazzjonijiet li gewipprezentati kemm mid-difiza, kif ukoll mill-Ufficjal Prosekutur;

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Oliver Demicoli, dik illi dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Ahmet Mangirci f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eskuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, giet irtirata mill-Avukat Generali peress illi meta l-Avukat Generali hareg l-Artikoli ma inkludix l-Artikoli rilevanti ghal din l-akkuza. Ghalhekk l-imputat Oliver Demicoli jinsab akkuzat talli ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Ahmet Mangirci, talli waqt li kien qed jaghmel dan id-delitt kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta, u talli zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Shaun Demicoli wahdu gie akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Ahmet Mangirci;

Oliver Demicoli u Shaun Demicoli flimkien umbaghad qeghdin ukoll jinsabu akkuzati bi hsara volontarja u cioe' hsara fil-bieb principali ta' hanut "Laura's Place", liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (LM 50) izda ma taccedix l-hames mitt lira Maltin (LM 500) kif ukoll bi hsara fuq il-vettura KAB 307; liema hsara ukoll tammonta ghal aktar minn hamsin lira, izda ma teccedix il-hames mitt lira. Jinsabu akkuzati wkoll talli kisru il-mistrieh tan-nies bil-lejl bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor, talli kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u talli saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi fit-2 ta' Marzu, 2002 l-Ispettur Jeffrey Cilia kien gie infurmat li ghall-habta tas-siegha ta' filghodu kien sehh 'stabbing incident' F'Birzebbugia. L-Ispettur Cilia gie infurmat li kien hemm xi Tork illi kien wegga gravi u kien ittiehed l-isptar. Ghalhekk l-Ispettur Cilia informa lill-Ispettur Joseph Agius li da parti tieghu informa lill-Ispettur Cilia li kienet sehhet glieda li bdiet f'Laura's Place Bar, go Pretty Bay Birzebbugia u kompliet barra fuq il-bankina. Din il-glieda kienet sehhet bejn zewg persuni Maltin u tlett persuni Torok. It-Torok li kienu involuti f'din il-glieda kienu bahrin bl-ismijiet ta' Ahmed Sahin, Ahmed Taruz u Ahmet Mangarci. L-Ispettur Cilia kompla jixhed illi huwa ghamel l-enquiries mal-isptar, ma Dr Moses Camilleri, u irrizulta li Ahmed Mangarci kelli "stab wound" f'dahru u daqqa f'rasu u dawn il-griehi gew klassifikati bhala ta' natura gravi. Minn iktar indagini li ghamlet il-pulizija irrizultalha illi setghu kienu involuti l-imputati fuq imsemmija f'dan l-incident u ghalhekk il-pulizija kellmu liz-zewg imputati illi wkoll irrilaxxawlhom stqarrija. Matul l-investigazzjonijiet il-pulizija kellmu liz-zewg bahrin Torok li ma kienux l-isptar jigifieri Ahmed Sahin u Ahmed Taruz u hadulhom il-verzjoni taghhom tal-fatti, umbaghad saret ID parade. Il-

pulizija kellmet ukoll liz-zewg gharajjes taz-zewg imputati fuq imsemmija.

Illi meta l-pulizija ghamlet l-ID parade Ahmed Sahin u Ahmed Taruz identifikaw liz-zewg imputati fuq imsemmija bhala z-zewg persuni illi iggieldu maghhom fil-jum in kwistjoni.

Illi l-pulizija ma irnexxiehiex tiehu l-verzjoni ta' Ahmet Mangirci, il-persuna li gie ferut u dana peress illi kien l-isptar u effettivament Mangirci ittella jixhed il-Qorti dritt mill-isptar minghajr ma l-pulizija kienet kelmitu qabel.

Illi l-Prosekuzzjoni kellha tlett xhieda principali illi ilkoll xehdu f'dawn il-proceduri. Dawn kienu Ahmed Taruz, Ahmed Sahin u Ahmet Mangirci u l-Qorti ezaminat bir-reqqa it-tlett verzjonijiet illi taw dawn it-tlett xhieda principali tal-Prosekuzzjoni.

Illi Ahmed Taruz xehed illi jahdem bhala bahhar u kien Malta fil-jum in kwistjoni fuq il-bastiment Clara A. Il-Gimgha l-ewwel ta' Marzu tas-sena 2002 huwa xehed illi kien flimkien ma shabu fil-bar "Laura's Place" f'Birzebbugia. Kienu tlieta fil-bar. Taruz xehed illi siehbu Ahmet Mangirci kien fil-bar u mar hdejn xi nies li kienu qeghdin jilghabu il-billiards. Skond ix-xhud wiehed minn dawn l-irgiel xehitlu d-duhhan tas-sigarett ghal wiccu u dana precizament kien l-imputat Shaun Demicoli, skond ix-xhud. Meta gara hekk Mangirci gie hdejh. Ix-xhud ra lil siehbu Mangirci ihares lejn il-juke box, umbaghad qaghadu jitkellmu huma t-tlieta. Sussegwentement Shaun Demicoli gie xi metru 'l boghod mix-xhud u x-xhud rah issawwat lil Ahmed Mangirci, pero' ma jafx jekk tahx bil-ponn. Jaf zgur illi imbuttah u Mangirci u siehbu l-iehor waqghu ma l-art u kien ghalhekk illi x-xhud qabad lil Shaun Demicoli u nehhih minn fuq shabu. Ix-xhud xehed illi Ahmed Sahin ukoll mar biex jofroqhom, pero' f'dan il-mument gie fuqhom Oliver Demicoli, li kellu flixkun f'idejh u ta daqqa bil-flixkun kemm fuq ras Ahmed Sahin, kif ukoll umbaghad wara fuq ras Ahmed Mangirci. Umbaghad ix-xhud Shaun Demicoli u Ahmed Mangirci hargu l-barra mill-bieb principali tal-bar. Ahmed Sahin qqghad bil-

qeghda izomm rasu fil-bar u hu ra lil Oliver Demicoli jitfa flixkun ghal rasu, jigifieri ghal ras ix-xhud u fil-fatt skond ix-xhud Demicoli laqtu f'rasu bil-flixkun. Kien ghalhekk li x-xhud tah daqqa ta' sieq lil Oliver Demicoli. Ix-xhud kompla jghid li Oliver Demicoli gie minn warajh, zammlu idejh it-tnejn u hu ta daqqa bil-minkeb minn naha tal-lemin fuq Oliver Demicoli, umbaghad Oliver telqu. Rega' mar biex jofroq lil Shaun Demicoli u lil siehbu Ahmet Mangirci u waqa fuq in-naha l-ohra ta' vettura li kienet barra l-bar. Ix-xhud kompla jghid li Ahmet Mangirci u Shaun Demicoli kienu qeghdin jiggieldu fuq vettura, fuq in-naha ta' wara u qal li din il-vettura kienet ta' lewn abjad jew cream. Kien hemm vettura ohra ta' lewn skur, izda huma kienu qeghdin jiggieldu fuq il-vettura ta' lewn cream. Ix-xhud qal illi hu gie fuq in-naha l-ohra tal-vettura, gibet lil Ahmet Mangirci u ra lill-imputat Oliver Demicoli gej lejhom, anzi precizament gej minn wara siehbu Ahmet Mangirci. Ix-xhud qal li ra lil Oliver Demicoli iqiegher idejh fil-but johrog xi haga u jaghti biha lil siehbu Mangirci. Biex tah ma jafx. Ra lil Ahmet jaqa, izda Shaun Demicoli xorta baqa issawwat lil Mangirci. Ix-xhud ra lil siehbu li kellu d-demm hiereg mill-ferita u dan kagun tad-daqqa li qala minghand Oliver Demicoli. Hu xehed illi d-daqqa raha diehla, ra lil Oliver jaghtihielu f'dahru u Mangirci waqa ma l-art. Il-glieda waqfet hemm, izda Shaun Demicoli ried ikompli jiggieled u kulhadd beda izommu lil Shaun Demicoli biex ma jkomplix jiggieled. Siehbu l-iehor Ahmed sejjah lill-pulizija u n-nies kollha bdew ighidu lil Shaun Demicoli biex jitlaq minn fuq il-post u kien ghalhekk illi Oliver u Shaun Demicoli, it-tnejn li huma telqu minn fuq il-post permezz ta' vettura ta' lewn skur u ta' l-ghamla Peugeot. Ix-xhud gie muri zewg ritratti u gharaf f'dawn ir-ritratti fid-Dokument JC 1 il-vettura li fiha harbu z-zewg imputati wara l-incident. Ix-xhud qal illi filghodu kien hemm l-ID parades fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u gharaf lill-imputat Shaun Demicoli, kif ukoll lill-imputat Oliver Demicoli f'dawn l-ID parades li saru mill-pulizija. Ix-xhud kompla jghid illi l-Maltin li kienu fil-bar kienu qishom qeghdin izommu ma Oliver u ma Shaun Demicoli waqt il-glieda. Din hija l-impressjoni li ha hu. Ix-xhud in kontro-ezami qal illi b'kollox fil-bar kien hemm xi hmistax ir-ruh. Huwa xehed ukoll illi ma kienx qieghed ihares il-hin kollu

lejn siehbu Ahmet Mangirci, izda hares lejh diversi drabi. Huwa xehed illi fuq il-bastimenti kollha bhala parti mill-ghoddod taghhom ikollhom skieken zghar. Huwa cahad li Ahmet Mangirci ta daqqa ta’ ponn lil xi hadd mill-imputati. Qal illi Mangirci ma setgha jaghmel xejn peress li Shaun kien qieghed izommu minn drieghu. Huwa qal illi huwa ma xorobx meta kien fil-bar, izda shabu xorbu. Mistoqsi jekk marx ghand it-tabib peress li qala daqqa bil-flixkun f’rasu ix-xhud qal illi ma marx ghand tabib.

Illi sussegwentement xehed ix-xhud l-iehor Ahmed Sahin li wkoll kien prezenti fil-bar u ra lill-imputati Oliver u Shaun Demicoli bil-qeghda fil-bar. Ix-xhud qal illi Ahmet Mangirci kien qieghed idur mal-bar. Shaun Demicoli kien qieghed ipejjep u tefgha d-duhhan f’wiccu siehbu Ahmet Mangirci. Mangirci ghamel l-istess jigifieri ukoll tefa’ d-duhhan f’wicc Shaun Demicoli. Umbaghad skond ix-xhud Mangirci gie lejh u ra lil Mangirci jhares lejn il-juke box. F’dak il-hin Oliver Demicoli resaq u attakka lil siehbu Ahmet Mangirci minn wara. Din ix-xhieda tikkuntrasta ma dik tax-xhud precedenti Ahmed Taruz fis-sens illi skond Ahmed Taruz f’dan il-hin kien Shaun Demicoli li sawwat lil Ahmet Mangirci u mhux Oliver Demicoli. Ix-xhud Ahmed Sahin kompla jghid li hu mar jipprova jofroq lil siehbu Mangirci minn ma Oliver Demicoli u f’dan il-hin gie xi hadd minn warajh u u laqtu b’xi haga iebsa fuq rasu. Pero’ la jaf min laqtu u lanqas jaf biex laqtu. Umbaghad zied jghid illi jaf li laqtu bi flixkun. Umbaghad xi hadd imbuttahom barra mill-bar. Hu f’dan il-hin kien qieghed izomm rasu. Ix-xhud hawn hekk jghid car u tond li ma jafx min tahielu d-daqqa minn wara. Mentri x-xhud precendenti Ahmed Tarus ighid illi ra lil Oliver Demicoli jitfalu flixkun ghal rasu u jaghti wkoll daqqa ta’ flixkun fuq ras Ahmed Sahin. Issa x-xhud Ahmed Sahin jeskludi li setgha kien Oliver Demicoli li tah id-daqqa ta’ flixkun go rasu ghaliex jghid li hu kien qieghed jipprova jofroq lil Ahmet Mangirci minn ma Oliver Demicoli u gie xi hadd minn wara li ma setghax kien Oliver ghaliex hu dak il-hin kien qieghed jofroq lil Oliver minn ma Ahmet Mangirci u tah daqqa ta’ flixkun go rasu minn wara. Ix-xhud Ahmed Sahin spjega li meta hargu barra mill-bar xi hadd laqat lil siehbu Ahmet Mangirci minn wara, u Ahmet Mangirci kellu d-demm hiereg minn dahru.

Huwa qal illi ma jafx min laqat lil Mangirci. Barra ra lil Oliver Demicoli u lil Ahmet Mangirci jiggieldu u kien hemm hafna nies ohrajn barra u fl-intorni kien hemm xi ghaxra minn nies madwar Oliver Demicoli u Ahmed Mangirci, izda ma kienux maghhom, jigifieri Mangirci u Oliver Demicoli kienu qeghdin jiggieldu ghalihom u l-ghaxra minn nies l-ohra li semma ma kienux qeghdin jiggieldu, izda kienu qeghdin jaraw il-glieda. Din ix-xhieda wkoll tikkontrasta u ma taqbilx max-xhieda li ta Ahmed Taruz fis-sens illi dwar il-glieda li sehhet barra l-bar Ahmed Taruz xehed illi barra l-bar Ahmet Mangirci u Shaun Demicoli kienu qeghdin jiggieldu fuq in-naha ta’ wara ta’ karozza. Mentri x-xhud Ahmed Sahin dwar l-incident illi inqala barra l-bar xehed illi Oliver Demicoli u Ahmet Mangirci kienu qeghdin jiggieldu imdawwrin b’xi ghaxra minn nies ohrajn u lil Shaun Demicoli lanqas biss issemmih. Ahmed Taruz xehed illi Shaun Demicoli baqa’ issawwat lil Mangirci anke wara li skond dan ix-xhud, Oliver Demicoli tah daqqa b’xi haga li kellu f’idejh lil Ahmet Mangirci. Ix-xhud ammetta li dakinhar kien xorob fil-bar, izda cahad illi kellu xi sikkina fil-pussess tieghu. Huwa cahad illi ta bil-ponn lil xi hadd dakinhar, pero’ ammetta illi kien qieghed izomm lil Oliver Demicoli. Huwa xehed ukoll illi ma rax lil Ahmed Taruz jaghti daqqa ta’ sieq lil Oliver Demicoli u zied jghid illi huwa ma ra xejn fil-fatt ghaliex kien stordut bid-daqqa li kien qala f’rasu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-istqarrija ta’ l-imputat Shaun Demicoli, kif ukoll l-istqarrija ta’ Oliver Demicoli. Jirrizulta minn dawn l-istqarrijiet illi l-imputati ghazlu li ma iwiegbux ghal ebda domanda li kienet qeghda issirilhom.

Illi sussegwentement xehed il-ferut Ahmet Mangirci u qal illi dakinhar in kwistjoni kien fil-bar Laura’s Place Birzebbugia maz-zewgt ihbieb tieghu bahrin Torok bhalu. Huwa xehed illi Oliver Demicoli pejjep sigarett f’wiccu. Hu dahal it-toilet, hareg mit-toilet u mar hdejn il-juke box li hemm fil-bar. Din ix-xhieda tikkuntrasta max-xhieda li taw iz-zewgt shabu precedement fis-sens illi dawn xehdu illi kien Shaun Demicoli li tefghalu d-duhhan ghal wiccu u

mhux kif qieghed jghid dan ix-xhud Mangirci illi kien l-imputat Oliver Demicoli. Ahmet Mangirci kompla jixhed illi umbaghad Shaun Demicoli kissirlu flixkun fuq rasu, Oliver imbuttah, xi hadd tah daqqa u ra d-demm hiereg mill-gerha li kellu, izda ma rax min tahielu din id-daqqa. Zied jghid illi xi hadd laqtu f'dahru meta huwa kien qieghed jiggieled ma Oliver Demicoli. Illi din ix-xhieda ukoll tikkuntrasta ma dik ta' shabu. Ahmed Taruz xehed illi wara l-incident tad-duhhan, tas-sigarett, Shaun Demicoli beda issawwat lil Ahmet Mangirci, mentri Ahmet Mangirci xehed illi Shaun Demicoli kissirlu flixkun fuq rasu. Ahmed Taruz dwar l-incident li sehh gewwa l-bar xehed illi wara li Shaun Demicoli beda jiggieled ma Ahmet Mangirci hu u Ahmed Sahin marru biex jiforquhom u Oliver Demicoli ta daqqa bil-flixkun kemm fuq ras Ahmed Sahin, kif ukoll fuq ras Ahmet Mangirci. Mentri Ahmet Mangirci fl-ebda hin ma issemmi li Oliver Demicoli ta daqqa bil-flixkun fuq ras siehbu Ahmed Sahin. Dwar l-incident li sehh barra l-bar Ahmet Mangirci xehed illi huwa kien qieghed jiggieled ma Oliver Demicoli, li xi hadd tah daqqa go dahru u hariglu d-demm u dana meta Ahmed Taruz dwar l-incident illi inqala barra l-bar xehed illi Ahmet Mangirci barra l-bar beda jiggieled ma Shaun Demicoli u mhux Oliver u skond dan ix-xhud Oliver Demicoli hareg xi haga mill-but u ta biha daqqa f'dahar siehbu Mangirci. Ahmed Sahin ukoll ma jaqbilx max-xhieda li ta Ahmet Mangirci fis-sens illi skond dan ix-xhud wara l-incident tad-duhhan tas-sigaretti Oliver Demicoli fil-bar attakka lil Mangirci. Mentri Mangirci xehed illi Shaun Demicoli kissirlu l-flixkun fuq rasu u mhux li iggieled mieghu Oliver Demicoli. Dwar l-incident illi inqala barra l-bar Ahmed Sahin xehed illi barra l-bar bdew jiggieldu Oliver Demicoli u Ahmet Mangirci u fl-intorni kien hemm xi ghaxra minn nies u xi hadd ta daqqa f'dahar Ahmet Mangirci. Din ix-xhieda tikkontrasta kompletament max-xhieda li ta l-Qorti Ahmet Mangirci. Ahmet Mangirci kompla jixhed illi wara li xi hadd laqtu f'dahru u hariglu d-demm huwa ra lil Oliver jigri fid-direzzjoni ta' vettura ta' lewn abjad. Pero' ma rax lill-imputati dehlin f'din il-vettura ghaliex beda issejjah lill-pulizija. Ahmet Mangirci xehed illi waqt din il-glieda li sehhet barra l-bar shabu ma kienux hdejh, izda kienu ghadhom fil-bar. Ra lil shabu meta waqa, wara li gie ferut f'dahru. Din ix-xhieda ukoll

tikkuntrasta max-xhieda li taw shabu, fis-sens illi dawn xehdu illi kienu barra mill-bar meta sehhet il-glieda. Effettivament ix-xhud Ahmed Taruz mhux talli xehed illi kien barra il-bar meta sehhet il-glieda izda xehed illi gibed lil siehbu Ahmet Mangirci minn ma Shaun Demicoli peress illi, skond dan ix-xhud, Shaun Demicoli kien qieghed isawwtu. Ix-xhud l-iehor Ahmed Sahin xehed ukoll illi kien barra l-bar meta sehhet il-glieda u illi ra lil siehbu Ahmet Mangirci jiggieled ma Oliver Demicoli, fl-ebda hin ma ra lil Shaun Demicoli waqt din il-glieda li sehhet barra l-bar, izda ra ghaxra minn nies li kienu qeghdin jaraw il-glieda li kienet qeghda issehh bejn Ahmet Mangirci u Oliver Demicoli. Ahmet Mangirci ammetta li xorob il-birra fil-bar u effettivament jirrizulta wkoll mic-cerifikat li hareg Dr Moses Camilleri l-isptar illi Ahmet Mangirci kellu riha ta' alcohol. Ahmet Mangirci kompla jixhed illi huwa kien qieghed jiggieled ma Oliver Demicoli barra l-bar u kien hemm xi nies ohrajn qeghdin jiggieldu minn xi pubs ohrajn, pero' ma kienux ezattament hdejhom u ma gharaf lil hadd minnhom fl-awla.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Denise Galea l-gharusa ta' l-imputat Shaun Demicoli. Denise xehdet illi xi hadd mill-barranin illi kien hemm fil-bar kien nefah id-duhhan f'wicc Shaun Demicoli. Iddecidew li imorru id-dar u kif kienu sejrin kien hemm daqs qisu erba' irgiel hdejn il-bieb tal-bar. F'daqqa wahda inqalghet glieda u daru tnejn jew tlieta fuq Shaun Demicoli u bdew qishom jillettikaw. Hija ippruvat tigbed lil Shaun, izda ma setghet taghmel xejn. Hargu diversi nies mill-bar u ghalhekk harget hi wkoll mill-bar u marret fid-direzzjoni tal-ghassa sabiex issejjah lill-pulizija. Meta marret l-ghassa ma kien hemm hadd, daret lura u kif kienet miexja rat lil Oliver Demicoli, lil Cynthia u lil Shaun Demicoli gejjin hdejha u iddecidew li jmorru d-dar. Skond dan ix-xhud xi hadd mill-barranin beda jghajjarhom u anke ikellimhom hazin. Ix-xhud qalet ukoll illi rat il-glieda, Cynthia marret fit-toilet u ghalhekk ma tahsibx illi din rat il-glieda. Hija kompliet tghid illi meta rat lil dawk l-irgiel issawwtu lil Shaun Demicoli, lil Oliver ma ratux fl-ebda hin. Hija hasbet illi Oliver u Cynthia kienu warajhom. Pero' qabel

ma bdiet il-glieda Cynthia kienet marret it-toilet. Ix-xhud kompliet tghid illi xi hadd sawwat lil Shaun minn warajh, qabdu u gibdu minn ghonqu u ta' quddiemu beda issawwtu, speci bdew jinbuttaw. Pero' hija ma ratx kif grat il-glieda u lanqas ma rat hgieg jinkiser u lanqas ma semghet hgieg jinkiser. Pero' hasbet illi forsi kienet waqghet xi tazza, flixken ittiru ma ratx u lanqas ma rat demm, jew il-bieb ta' barra tad-bar miksur. Hija ma rat xejn kollu minn dan. Ix-xhud qalet illi fil-bar kien hemm xi hmistax ir-ruh u barra mill-bar hargu xi ghaxra minn nies li raw il-glieda. Kien hemm min beda jipprova ifferraq, pero' hi ma tafx min kienu u lanqas taf jekk kienux barranin jew Maltin u lanqas ma semghathom jitkellmu. Meta regghet rat lil Shaun rat illi kellu girfa fuq wara f'ghonqu, izda demm ma kellux. Lil Oliver ma staqsietux x'gara u lanqas staqsietu jekk kienx wegga jew le. Ma tkellmu xejn dwar dak li kien gara, izda marru d-dar. Oliver u t-tfajla tieghu marru bil-karozza taghhom u hi u Shaun marru bil-karozza taghhom ukoll.

Ikkunsidrat :

Illi sussegwentement rega' xehed Ahmet Mangirci u rega' ta verzjoni ta' kif graw l-affarijiet dakinhar fil-bar Laura's Place Birzebbugia. Din id-darba jigifieri waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu 2002 Ahmet Mangirci ta verzjoni kompletament differenti ghal dik li kien ta qabel. Huwa xehed illi xi hadd miz-zewg imputati kien tefghalu d-duhhan tas-sigarret f'wiccu. Hu mar it-toilet u wara li hareg mit-toilet mar hdejn il-juke box. Wiehed miz-zewg imputati mar minn warajh dawwar id wahda ma ghonqu, u nizzillu ghonqu rasu 'l isfel u bl-id l-ohra zammlu jdejh u hargu barra mill-bar. Meta harguh barra mill-bar xi hadd minnhom laqtu bi flixkun fuq rasu, izda ma ftakarx min minnhom, pero' huwa cert li kien xi hadd miz-zewg imputati. Wiehed minnhom zammu u l-iehor tah daqqa bil-flixkun f'rasu jew f'ghonqu. Meta intlaqat bil-flixkun waqa' fuq karozza. Umbaghad hass ugiegh fuq genbu in-naha tal-lemin u ra d-demm hiereg u rega' imbotta lil xi hadd miz-zewg imputati, ma jafx lil min minnhom. Waqa fuq il-"luggage booth" tal-vettura li kien ta' lewn skur u ra lill-imputat Shaun Demicoli li beda jipprova jiftah il-bieb tal-

vettura. Umbaghad iz-zewg imputati telqu minn fuq il-post bhal li kieku ma gara xejn u meta telqu hu spicca ma l-art. Shabu ma kienux hdejh dak il-hin izda huwa jahseb li kieku ghadhom fil-bar. Huwa kompla jixhed illi barra l-bar ra lil Shaun Demicoli u lil Oliver Demicoli ma rahx.

In kontro-ezami Ahmet Mangirci xehed illi meta waqa ma l-art ra xi tlieta jew hamsa minn nies u wiehed minnhom mar icempel fil-bar. Mangirci xehed illi Ahmed Taruz ma jixrobx, izda siehbu Ahmed Sahin jixrob u hu wkoll jixrob. Il-bar kien mimli bin-nies, pero' mhuwiex kbir. Huwa xehed illi dam l-isptar tmien tijiem. Wara dawk it-tmien tijiem kellem lill-pulizija. Ix-xhud qal illi l-pulizija kienu urewh xi ritratti u staqsewh min kienu l-persuni li kienu involuti fil-glieda u hu identifika liz-zewg imputati mir-ritratti li kienu urewh il-pulizija. Il-pulizija kienu urewh xi disa' jew ghaxar ritratti. Il-Qorti tirrimarka illi din ix-xhieda li ta l-imputat Ahmet Mangirci tikkonstrasta kompletament max-xhieda li kien ta fis-seduta precedenti fil-Qorti.

Illi xehdet Cynthia Plumpton l-gharusa tal-imputat Oliver Demicoli. Hija xehdet illi dakinhar in kwistjoni kien hassa hazin, kienet ma tiflahx u kienet ghamlet hin twil fit-toilet. Hija xehdet illi kemm qabel ma marret it-toilet u kif ukoll wara ma rat xejn li ma kienx tas-soltu, ma rat l-ebda disordni. Telqu 'l hemm ghaliex kienet qeghda thossha ma tiflahx. Hija xehdet li ma rat lil hadd jiggieled. Pero' kif hargu mill-bar kien hemm grupp ta' nies li kienu qeghdin fuq il-bankina barra il-bar. Kien hemm forsi xi ghaxra minn nies. Ix-xhieda ta' din ix-xhud giet sospiza. Sussegwentement regghet xehdet Cynthia Plumpton u qalet illi hija xehdet illi meta harget mit-toilet ma ratx lil Shaun Demicoli u lanqas lil Denise. Marret fuq Oliver u qaltlu li kienet ma tiflahx u li kellha bzonn tmur id-dar. Meta hargu in-nies illi kienet fil-bar rathom kollha barra mill-bar. Rat lil Shaun fuq il-bankina u rat lil Denise gejja mid-direzzjoni ta' fejn kienet ipparkjat il-vettura taghha, jigifieri faccata ta' l-ghassa tal-pulizija. Hija xehdet illi meta hija waslet hargu mill-bar Shaun ma kien qalilhom xejn. Hi ma ratx nies feruti u lanqas ma rat demm fuq xi hadd, lanqas hgieg imkisser ma rat. Semghet lin-nies li kienu barra l-bar jghajjtu, izda ma tafx xi bdew jghidu.

Hija qalet illi telqet id-dar ma Oliver u Shaun u l-gharusa tieghu telqu d-dar bil-karozza taghhom. Ix-xhud qalet illi rat lil Oliver u lil Shaun fuq il-bankina u n-nies li kienu barra l-bar kienu qeghdin fit-triq, taht il-bankina ezatt fejn hemm il-bar. Hija cahdet illi l-barman dakinhar kien kecciha mill-bar.

Ikkunsidrat :

Illi xehed PS 836 Alexander Taliana u qal illi fuq struzzjonjiet ta’ l-Ispettur Cilia ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat Oliver Demicoli u fil-prezenza tieghu eleva flokk ta’ lewn iswed li kien minxur u mahsul. Staqsa lil Oliver Demicoli jekk kienx il-flokk li kien liebes meta inqala l-incident in kwistjoni u Oliver wiegbu fl-affermattiv. Is-Surgent kompla jixhed illi eleva wkoll zewg stalletti u zewgt imwies, wiehed minnhom flick knife u eleva wkoll sikkina, kollox kien separat. Dawn l-armi li eleva kienu kollha qeghdin f’postijiet separati, kienu kollha fi kmamar separati. Il-flick knife kienet hdejn il-kommodina f’kamra tas-sodda. Il-flick knife l-iehor kien f’kaxxa tal-ghodda fil-cupboard tal-kcina u z-zewg stalletti kienu f’cabinet tal-kcina, f’kaxxa f’din il-cabinet fil-kcina, u l-ohrajn kienu f’sections ghalihom separati. Oliver Demicoli kien ammetta mieghu illi dawn l-affarijiet kienu kollha tieghu. Is-Surgent qal illi kien hemm diversi affarijiet ohrajn f’din il-cupboard bhal ghodod, ceiling roses, kaxxi tal-kartun etc.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll certu Mario Cauchi illi fil-jum in kwistjoni kellu il-vettura tieghu Ford Escort ipparkjata barra c-Cherries Bar B’Bugia. Huwa xehed illi meta hareg mill-bar mar fid-direzzjoni tal-vettura tieghu u ra ragel ma l-art isserrah mal-karozza tieghu. Mar biex inehhih minn mal-vettura tieghu u dan beda jargumenta mieghu. Kien hemm xi nies li hadu hsiebu huma u hu qabad u telaq minn fuq il-post. Huwa xehed illi dan ir-ragel kien fis-sakra, beda jixxengel ‘l hemm u ‘l hawn u ra illi kellu dahru imcappas bi ftit demm. Il-vettura tieghu kellha zewg ghafsiet mal-genb tan-naha ta’ wara u kellha wkoll ftit demm imcappas mal-bonett fejn kien qieghed iserrah dan

ir-ragel. Ix-xhud qal illi dakinhar ma dahalx jixrob il-Laura's Place.

Illi xehed ukoll Noel Falzon is-sid tal-bar Laura's Place B'Bugia u qal illi dakinhar in kwistjoni ra liz-zewg imputati fil-bar tieghu. Kien hemm ukoll xi bahrin u rahom qishom jersqu lejn xulxin, izda skond hu ma inqala xejn. Ix-xhud kompla jghid illi sussegwentement ghall-habta tas-siegha neqsin hamsa ta' filghodu mar jaghlaq ix-shutters barra l-bar u f'daqqa wahda semgha il-hgieg jinkiser. Dahal fil-bar u ra skoss nies mal-bieb u qabad u keccihom 'il barra. Kif fadal xi sitta jew sebgha minn nies gol-bar dak il-hin. Keccihom 'il barra u ghalaq ix-shutter. Il-hgieg li semgha jinkiser kien parti mill-bieb li ghandu fil-bar. Kien hemm ukoll flixken ma l-art. Hu xehed illi meta hareg mill-bar biex jaghlaq ix-shutters halla lin-nies kollha fil-bar. In-nies kienu hdejn il-juke box, fejn il-bieb, ma kienux fuq il-bankina, u jekk kienu fuq il-bankina ma tax kaz ghax kellu fixkla. Huwa kompla jixhed illi fir-rassa ta' nies li sab fejn il-bieb ra ukoll liz-zewg imputati. Fir-rassa tan-nies kien hemm forsi sebgha jew tmienja minn nies u l-barranin kienu f'din ir-rassa tan-nies. Hu qal illi wahhal f'dawn in-nies li kienu kissrulu l-hgiega tal-bar. Rahom ser jargumentaw u tefghahom 'il barra. Kienu hdejn il-hgiega li inkissret, imma ma kienux imqabbdin f'xulxin, ghax lanqas biss tahom cans, mal-ewwel tefghahom 'il barra. Meta hareg mill-bar ma ra lil hadd. Dwar xi glieda li setghet inqalghet barra l-bar huwa qal illi ma ra xejn, izda kien semgha xi ghajjat. Huwa xehed illi meta kecca lil Shaun u lil Oliver Demicoli mill-bar l-gharajjes taghhom hargu mill-bar maghhom.

In kontro-ezami ix-xhud qal illi jista jkun li ma dik ir-rassa ta' nies li semma kien hemm xi Maltin ohrajn apparti Oliver u Shaun Demicoli. Hu xehed illi xi hadd minn dawk il-bahrin kien ha nifs ta' sigarett u nefhu fid-direzzjoni ta' l-gharrajjes tal-imputati, izda l-argument kien waqaf hemm hekk. Sussegwentement kien hemm argument iehor u precizament meta inkissret il-hgiega tal-bar. Izda hu kien barra l-bar dak il-hin u ma jaf xejn dwar din il-glieda.

Illi xehed l-imputat Shaun Demicoli f'dawn il-proceduri u qal illi dakinhar in kwistjoni ftiehem ma huh sabiex mat-tfajliet taghhom imorru jiehdu drink B'Bugia. Dwar Laura's Place B'Bugia l-imputat xehed illi meta dahlu fil-bar kien hemm xi sbatax, jew tmintax ir-ruh fil-bar. Huma u jiehdu drink raw barrani il-hin kollu jghaddi minn warajhom u jhares lejhom. Kien hemm ragel jismu Tancredi imdahhal fiz-zmien bil-qeghda ma gembhom u dan ir-ragel beda jghid xi cajt, iddahhaqhom. L-imputat xehed illi ragel barrani kellem lil huh u hu staqsa lil Oliver x'kien qal lil barrani. Peress li ma kienitx xi haga importanti huma komplew mat-tfajliet taghhom jiehdu drink fil-bar. Sa dan it-tant rega' gie dak ir-ragel barrani li kien qieghed ippejjep sigarett, ha nifs nefahielu go wiccu. L-imputat Shaun Demicoli kien ukoll qed ippejjep sigarett u ghamillu l-istess, jigifieri nefahlu d-duhhan f'wiccu u l-barrani telaq 'l hemm fejn shabu li kienu mal-bieb ta' barra u intefa hdejn il-juke box u shabu mal-bar. Huh Oliver ma tax kaz ta' dan l-incident baqghu jixorbu. Umbaghad l-gharusa ta' Oliver sejjhet lit-tfajla tieghu u marru sat-toilet. Wara ftit minuti l-gharusa ta' Shaun giet mit-toilet u qalet lili u lil Oliver li Cynthia, jigifieri t-tfajla ta' Oliver kienet ftit ma tiflahx. U Shaun qal lil Oliver li kien iddejjaq u ried imur id-dar u beda hiereg 'il barra mill-bar mat-tfajla tieghu. Illi skond Shaun Demicoli kif il-barranin rawh hiereg mill-bar bdew jitkellmu bejniethom, jingemghu fejn il-bieb u hargu wkoll fuq il-bankina. Huwa ghabba lit-tfajla tieghu u hu hareg mill-bieb tal-bar u dak ir-ragel barrani li kien nefahlu s-sigarett f'wiccu kif Shaun ghadda minn mieghu imbuttah bi spallejh ghal mal-bieb u hu wkoll tah daqqa bi spallejh. Shaun kompla jixhed li dan ir-ragel kien quddiemu fid-direzzjoni ta' fejn kien sejjer hu lejn in-naha ta' l-ghassa u kif hu imbuttah bi spallejh beda jhoss daqqiet ta' ponn minn warajh u tefghuh fir-rokna mal-hajt u bdew iggibdulu l-flokk. Fil-fatt qatghulu l-flokk minn ma ghonqu u bdew ixxejjrulu bis-seiq u bil-ponn. Shaun xehed illi huwa intefa man-naha tal-hajt u beda jaqla daqqiet f'rasu, f'dahru u f'saqajh. F'hin minnhom sgiccalhom u ra lill-gharusa tieghu gejja tigri. Staqsiha fejn kienet marret u qaltlu li kienet marret fejn l-ghassa, pero' sabitha maghluqa. Sa dan il-hin Shaun xehed li kien diga mexa sac-Cherries Pub. Qalilha "ejja halli ingib lil hija"u kif kien sejjer lura ra

lil huh Oliver gej mal-gharusa tieghu u ra lil barranin f'nofs it-triq joffendu bil-lingwa Ingliza, umbaghad bdew jitkellmu. Oliver staqsih x'kien gara u hu qallu li kienu dawruh. Oliver qallu biex imorru l-ghassa u staqsih jekk kienx wegga u Shaun qal lil Oliver illi l-ghassa kienet maghluqa. Umbaghad Oliver riekeb mat-tfajla tieghu fil-karozza tieghu u telaq u hu Shaun ghamel l-istess rikeb mat-tfajla u mar lejn id-dar. Shaun spjega li meta l-barranin bdew isawwtuh huwa ma setgha jilqa b'xejn, ma kellux tazzi f'idejh peress li kien hiereg mill-bar u kien sejjer id-dar. Shaun xehed ukoll illi dak iz-zmien kien ghadu kif ghamel operazzjoni f'saqajh u bil-kemm setgha jiccaqlaq. Shaun xehed ukoll illi lil huh Oliver kien hallih fil-hanut u hareg wahdu mill-bar. Mistoqsi jekk hu sawwatx lil Ahmet Mangirci Shaun cahad, qal illi huwa qala daqqiet u ma sawwat lil hadd. Huwa cahad illi kellu xi flixkun f'idejh u qal illi kien xorob biss minn go tazza. Shaun Demicoli kompla jixhed illi dawk it-tlett Torok li kienu telghu jixhdu fil-Qorti kienu kollha fejn il-bieb ta' barra u hu xehed illi bdew issawwtuh meta qabez il-bieb tal-bar. Bdew issawwtuh bejn il-bar u l-hajt tal-bar l-iehor, mal-bieb ezatt. Huwa rega' spjega li kif kien hiereg, kif rawh bdew jitkellmu bejniethom u l-istess ragel li nefahlu bis-sigarett qaghad warajh biex kif jghaddi hu jimbuttah bi spaltu u kif hu tah daqqa bi spaltu wkoll l-ohrajn qabzu fuqu u resquh lejn il-gemb u qabdu issawwtuh hemm hekk. Shaun kompla jixhed illi huwa ma semghax hgieg jinkiser. Huwa qal illi s-sid il-bar meta xehed fil-Qorti ma kienx qieghed jghid il-verita meta qal li kien keccihom mill-bar. Huwa cahad illi huwa u huh, jew xi hadd minnhom iggieled fil-bar u qal illi sa kemm dam fil-bar ma rax hgieg jinkiser, jew xi haga ohra tinkiser, jew il-bieb tal-bar jinkiser.

Illi sussegwentement xehed f'dawn il-proceduri l-imputat Oliver Demicoli u spjega li kien Laura's Place mat-tfajla tieghu u ma huh Shaun bit-tfajla tieghu. Huma qaghdu fejn il-bar jiehdu drink. Ftit 'il boghod kien hemm xi nies jisfnu hdejn il-juke box u warajhom beda jigi ragel idur, idur maghhom u jerga imur u jigi. F'hin minnhom huh Shaun qallu li dak ir-ragel li kien qed idur warajhom kien nefahlu d-duhhan tas-sigarett f'ghajnejh. Kien qallu li nefahlu d-duhhan f'wiccu ezatt u hu qallu erhilu taghtix

kazu u dak ir-ragel rega’ mar hdejn shabu hdejn il-juke box. Oliver xehed illi baqghu jitkellmu, ghadda l-hin, gabu xi drink iehor u t-tfajla tieghu u t-tfajla ta’ huh marru t-toilet. Ghadda ftit tal-hin u l-gharusa ta’ huh giet mit-toilet u qaltlu li l-gharusa tieghu kienet baqghet it-toilet ghaliex kienet qeghda thossha ftit mhux f’posta. Shaun qallu li hu u t-tfajla tieghu kienu sejrin u hu baqa’ fil-bar jistenna lit-tfajla tieghu. It-tfajla tieghu irritornat mill-bathroom u qaltlu li kienet qeghda thossha ma tiflahx u kien ghalhekk illi Oliver ukoll iddecieda li jitlaq id-dar. Bdew hergin mill-bar u kif it-tfajla tieghu qabzet il-bieb ta’ barra kien hemm ragel man-naha tax-xellug mal-bieb ta’ barra u kien hemm xi erba’ minn nies man-naha tal-lemin fuq il-bankina barra l-bar u xi tlieta ohra wkoll max-xellug. Oliver xehed li dawk li kienu mal-lemin kif resaq lejn il-bieb hatfuh minn sidru u gibduh. Dawn kienu zewgt irgiel li gibduh u dawruh. Kif gralu hekk xehed illi hu issarra u ta bil-minkeb. Baqghu jigbduh. Wiehed minnhom beda jgholli jdejh u ixxejjer u daru tnejn ohra fuqu. Hu beda jirresisti. Qaghdu jghajjtu u kien hemm xi nies li bdew jghidulhom biex ihalluh. Hu zgiccalhom u harab. Oliver kompla jixhed li mexa mat-tfajla tieghu u ra lil dawk l-irgiel jaqsmu faccata tal-hanut, fejn kien hemm diga tnejn minn nies ohra jistennewhom u ingabbru maghhom. Hu baqa’ miexi fid-direzzjoni ta’ l-ghassa fejn kienet ipparkjata l-karozza tal-gharusa tieghu u ra lil huh Shaun gej mat-tfajla tieghu. Shaun staqsih x’kien gralu u hu qallu li kienu ser iduru ghalih. Oliver issuggerixxa li jmorru l-ghassa, izda Shaun qallu li kienet diga marret l-gharusa tieghu u sabet l-ghassa maghluqa. Ghalhekk telqu lejn id-dar b’zewg karozzi separati. Oliver xehed illi l-pulizija ghamlulu tfittxija fil-vettura u fid-dar tieghu, fil-kmamar tas-sodda u fil-kcina, fejn ghandu bank tal-ghodda, fejn minn hemm hekk hadulu s-skieken li whud minnhom kienu imsadda u lanqas biss juzahom. Hu xehed illi s-skieken kienu f’bank tal-kcina f’kaxxa tal-ghodda. Wahda mis-skieken kien ilu hafna juzaha u l-ohra li kienet bis-sadid juzaha biex jaqta l-frieghej tal-palma. Oliver kompla jixhed illi hu ma kellux feriti, kien qaghla d-daqqiet izda ma kellux bzonn imur ghand tabib. Hu kompla jixhed illi flixkun ma kellux f’idejh u d-drinks kienu xorbuhom minn tazza. Huwa cahad illi sawwat lil xi hadd bi flixkun u qal illi ma rax lil huh

jissawwat.  Oliver cahad kategorikament illi f’xi hin dahhal idejh fil-but u hareg xi arma li biha sawwat lil Ahmet Mangirci.  Huwa qal illi armi ma kellux fuqu dakinhar. Huwa xehed ukoll illi ma kienx minnu illi hasel il-flokk, kien ghamlu fuq il-horse ghaliex dejjem hekk jaghmel u hija ommu li tahsillu il-hwejjeg.  Oliver Demicoli kompla jixhed illi l-barman meta xehed fil-Qorti fis-sens illi sab lilu u lil huh jiggieldu fil-bar mal-barranin u keccihom ‘il barra flimkien ma l-gharrajjes taghhom kien qieghed jigdeb. Huwa xehed illi forsi gideb sabiex jiddefendi l-hanut peress illi l-pulizija sikwiet jaghlqulu l-hanut meta jkollu l-inkwiet, xi glied fil-bar tieghu.  Oliver kompla jixhed illi la ra u lanqas semgha hgieg jinkiser fil-bar u ma jafx jekk kienx hemm hgieg ma l-art.  Oliver cahad illi hu kien ma huh meta inqalghet il-glieda in kwistjoni.

Illi xehed ukoll l-ex Supretendent Angelo Baldacchino li ghamel zmien twil stazzjonat B’Bugia u kien ukoll Supretendent hemm hekk.  Dwar il-bar Laura’s Place B’Bugia u sid dan il-bar Noel Falzon is-Sur Baldacchino xehed illi Noel Falzon meta kien ikollu l-inkwiet fil-bar lill-pulizija kien jghidilhom illi hu kif jara l-inkwiet jixhet lin-nies ‘il barra mill-bar.  Is-Sur Baldacchino xehed illi Noel Falzon gieli kien ikun fis-sakra u kien ikollu hafna trouble mal-pulizija minhabba dan.  Kien tressaq ukoll il-Qorti diversi drabi fuq ksur tal-licenzja u fuq glied u kien ikollu xi jghid mal-pulizija meta jmorru biex jghalqulu l-bar. Umbaghad wasal fi zmien illi donnu irrassenja ruhu u baqghax ikollu aktar inkwiet mal-pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat Oliver Demicoli mill-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, dik ta’ attentat ta’ qtil fuq Ahmet Mangirci u dana peress illi meta baghat l-Artikolu l-Avukat Generali ma semmiex l-Artikoli tal-Ligi rilevanti ghal din l-akkuza, u ghalhekk din l-akkuza giet imwaqqa mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat  :

Illi kif kellha diga okkazjoni biex tirrimarka din il-Qorti, ix-xhieda okulari tal-Prosekuzzjoni Ahmet Mangirci, Ahmed Taruz u Ahmed Sahin taw verzjonijiet differenti, mhux differenti biss fid-dettalji, izda differenti anke f'materja sostanzjali u ta' importanza vitali ghall-kaz; liema verzjonijiet jikkontradixxu wahda lil ohra. Illi l-unika haga li jaqblu dwarha dawn it-tlett xhieda huma illi Ahmed Mangirci sefa ferut wara li t-tlieta li huma kienu marru jixorbu f'bar bl-isem ta' Laura's Place li jinsab Birzebbugia.

Illi dwar l-allegata daqqa ta' flixkun fuq ras Ahmed Sahin, Ahmed Taruz jghid illi kien Oliver Demicoli li ta din id-daqqa. Ahmed Sahin jghid illi xi hadd ta' daqqa tah daqqa ta' flixkun fuq rasu, izda dan ma kienx Oliver Demicoli u Ahmet Mangirci jghid illi kien Shaun Demicoli li ta daqqa ta' flixkun fuq ras Ahmet Mangirci u fl-ebda hin ma isemmi li xi hadd ta daqqa ta' flixkun fuq ras Ahmed Sahin.

Illi dwar l-allegat stabbing li sehh barra mill-bar, Ahmed Taruz jghid illi Oliver Demicoli hareg xi haga mill-but u ta biha lil Ahmet Mangirci. Ahmed Sahin jghid illi xi hadd, mhux Oliver Demicoli, laqat lil Ahmed Mangirci minn wara u Ahmet Mangirci jghid illi xi hadd, mhux Oliver Demicoli, laqtu minn wara. Meta ta t-tieni verzjoni tieghu Ahmet Mangirci xehed illi xi hadd mill-ahwa Demicoli tah id-daqqa minn wara, izda ma jafx min minnhom.

Illi kif inhu ben saput il-Qorti, sabiex issib htija fil-kamp penali, trid tkun konvinta u l-grad tal-prova rikjesta mill-Ligi huwa lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Illi kwindi ghalhekk kull dubju ghandu dejjem imur favur l-imputati.

Illi f'dan il-kaz it-tlett xhieda okulari tal-Prosekuzzjoni, kif diga kellha okkazzjoni li tesprimi il-Qorti aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, meta ezaminat b'mod dettaljat ix-xhieda li taw dawn il-persuni, ma qablux fil-verzjonijiet taghhom, anzi kienu inkonsistenti ferm mhux fuq dettalji zghar, izda fuq affarijiet ta' importanza primarja. Ahmet Mangirci kif diga intqal xehed darbtejn f'dawn il-proceduri u b'hekk il-Qorti hija rinfaccata b'erba' verzjonijiet differenti, liema erba' verzjonijiet differenti gew prodotti mill-Prosekuzzjoni mit-tlett xhieda okulari li huma ressqu f'dan il-kaz, li wiehed

minnhom kien l-allegat vittma, li effettivament verament sofra minn griehi gravi dakinhar in kwistjoni.

Illi rilevanti ferm ukoll hija x-xhieda li ta Ahmet Mangirci, fis-sens illi fil-hin illi huwa qala d-daqqa shabu kienu fil-pub gewwa u ghalhekk ma setghux raw min tah id-daqqa, dejjem jekk Ahmet Mangirci xehed il-verita.

Illi minkejja l-fatt illi Ahmed Taruz u Ahmed Sahin indikaw lil Oliver u lil Shaun Demicoli bhala tnejn minn nies involuti fil-glieda dakinhar in kwistjoni, waqt l-istess ID parade hadd minnhom ma qal, jew ma indika lil xi hadd mill-Ispetturi illi xi hadd mill-imputati ta d-daqqa lil Mangirci.

Illi huwa rilevanti ferm illi hadd mix-xhieda okulari imsemmija ma xehed illi ra xi sikkina f’idejn xi hadd mill-imputati.

Illi xhud importanti iehor tal-Prosekuzzjoni kien Noel Falzon, is-sid tal-istabbiliment Laura’s Place. Dan xehed illi f’hin minnhom kienet ser tinqala glieda bejn l-imputati u xi tlett bahrin, izda hu intervjena u l-bicca ikkalmat. Huwa xehed illi din il-glieda kienet ser tinqala ghax xi hadd minn dawn il-bahrin kien nefah duhhan tas-sigarett fid-direzzjoni tal-gharrajjes ta’ Oliver u Shaun Demicoli. Falzon kompla jixhed illi f’hin minnhom hareg mill-bar sabiex jaghlaq ix-shutters u x’hin hareg semgha xi hgieg jinkiser fil-hanut. Huwa xehed illi dahal fil-bar u ra skoss nies mal-bieb u qalilhom biex jitilqulu ‘il barra, keccihom kollha ‘il barra. Xehed ukoll illi hadd ma kien qieghed jiggieled fil-bar. Falzon kompla jixhed illi ma dan l-iskoss nies li kien hemm fejn il-bar kien hemm ukoll Oliver u Shaun Demicoli. Fir-rassa tan-nies kien hemm forsi sebgha, tmienja minn nies, fosthom l-imputati, izda xehed illi ma ra lil hadd ikissirlu l-hgiega u ma ra lil hadd jiggieled fl-istabbiliment. Wahhal f’dawk is-sitta, tmienja minn nies li kienu kissrulu l-hgiega ghaliex kienu hdejn il-hgiega li inkissret u mhux ghax rahom fil-fatt ikissruha. Huwa xehed illi dawn in-nies ma kienux imqabbdin f’xulxin ghaliex huwa lanqas tahom cans u mal-ewwel tefghahom ‘il barra.

Illi meta xehdu fil-Qorti Shaun u Oliver Demicoli taw verzjoni konsistenti u li fl-ebda hin il-verzjoni ta' wiehed minnhom ma ikkontrastat mal-verzjoni ta' l-iehor. Huma cahdu bil-qawwa kollha li xi hadd minnhom kisser flixkun fuq ras xi hadd, jew li xi hadd minnhom ta' xi daqqa lil Ahmet Mangirci f'dahru b'xi strument li jaqta jew bil-ponta. Shaun Demicoli xehed illi meta kien hiereg mill-bar dak il-bniedem li kien nefahlu s-sigarett f'wiccu imbuttah bi spallejh u hu wkoll tah daqqa bi spallejh u meta ghamel hekk daruh u bdew jaghtuh bil-ponn, tefghuh fir-rokna mal-hajt, bdew igebbdulu l-flokk, qatghuhulu minn ma ghonqu u bdew ixxejjrulu bis-sieq u bil-ponn f'rasu, f'dahru u f'saqajh. Huwa xehed illi irnexxielu jisgicchom u harbilhom. Da parti tieghu Oliver Demicoli xehed illi huwa u hiereg mill-bar, u ippreciza li hareg mill-bar wara li hareg huh Shaun mat-tfajla tieghu mill-bar, kif resaq lejn il-bieb, xi hadd ghajjatlu, hatfu minn sidru u gibduh. Dawn kienu zewg irgiel li gibduh u dawwruh. Finalment Oliver xehed illi ma kienx hasel il-flokk li kien liebes dakinhar, izda kien biss tefghu fuq il-"horse" kif ghandu l-uzanza illi jaghmel.

Ikkunsidrat :

Illi l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni tieghu invita lill-Qorti sabiex tara liema kienet l-aktar verzjoni veritiera jekk hux dik tat-tlett Torok u ta' sid l-istabbilment, jew dik li taw l-imputati u t-tfajliet taghhom. Huwa xehed illi f'incident bhal dan forsi dak li jara wiehed ma jarahx l-iehor u illi hemm xi ftit diskrepanzi fil-verzjonijiet illi taw t-tlett xhieda okulari. Il-Qorti tirrileva illi mhux ftit diskrepanzi hemm, izda diskrepanzi kbar u fuq affarijiet materjali u mhux fuq dettalji, tant illi t-tlett xhieda okulari lanqas biss jaqblu bejniethom dwar min miz-zewg imputati nefah id-duhhan tas-sigarett f'wicc Ahmet Mangirci, lanqas fuq dak il-punt ma jaqblu. Il-funzjoni tal-Qorti f'kull kaz kriminali mhuwiex illi tara liema minn zewg verzjonijiet hija l-aktar kredibbli ghaliex hawnhekk mahniex fil-kamp civili, izda fil-kamp penali u l-kaz irid jigi ippruvat mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Id-difiza ma ghandha l-obbligu li tipprova xejn u l-imputati setghu facilment ghazlu illi ma jixhdux ghaliex l-oneru tal-prova mhuwiex qieghed fuqhom, izda totalment fuq il-Prosekuzzjoni.

Illi kif diga intqal il-Qorti hija rinfaccata b'erba' verzjonijiet differenti ta' l-akkadut, liema erba' verzjonijiet gew moghtija lill-Qorti mit-tlett xhieda okulari ta' l-incident.

Illi sid l-istabbiliment xehed illi hadd ma iggieled fil-bar u b'hekk huwa wkoll qieghed jikkontradixxi lit-tlett xhieda okulari tal-Prosekuzzjoni. Inoltre huwa xehed illi ma rax il-glieda li sehhet barra l-bar u ghalhekk certament ma setghax jillumina lill-Qorti dwar min ikkaguna il-ferita lil Ahmet Mangirci.

Illi dwar il-bieb tal-bar illi skond sid l-istabbiliment Noel Falzon inkiser dakinhar ta' l-incident Noel Falzon xehed illi ma jafx min setgha kisser dan il-bieb u xehed ukoll illi hadd ma kien qieghed jiggieled fil-bar. Huwa ra rassa ta' nies u f'din ir-rassa kien hemm ukoll l-imputati u kecca lil kulhadd 'il barra, izda xehed li ma jafx min kissirlu l-hgiega tal-bieb ta' barra tal-bar.

Illi l-istess vittma Ahmet Mangirci xehed illi d-daqqa qalaghha meta kien qieghed jiggieled ma Oliver Demicoli u zied jghid li kien hemm nies ohra qeghdin jiggieldu, ghalkemm dawn ma kienux hdejh u setgha facilment kien il-kaz illi xi hadd minn dawn in-nies l-ohrajn li kienu fil-vicinanzi laqghat lil Ahmet Mangirci. Meta Ahmet Mangirci ta t-tieni verzjoni tieghu xehed illi xi hadd mill-ahwa Demicoli tah id-daqqa, izda ma jafx min minnhom u din ix-xhieda kompletament tikkontrasta ma l-ewwel verzjoni li ta Ahmet Mangirci meta xehed f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti ikollha tikkonkludi illi x-xhieda ta' dawn it-tlett persuni, xhieda okulari, mhijiex wahda kredibbli u jezisti konflitt manifest fil-provi.

Illi ghar-ragunijiet kollha diga imsemmija f'dan il-gudikat il-Qorti fil-konfront ta' Oliver Demicoli qeghda tilliberah mill-ewwel, mit-tieni u mit-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, izda qeghda issibu hati tar-raba akkuza dik illi zamm strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u dana kif irrizulta mis-search li ghamlet il-pulizija fejn sabulu diversi flick knives u imwies fir-residenza tieghu. Illi dejjem fil-konfront ta' l-imputat

Oliver Demicoli l-Qorti qeghda ukoll tilliberah mill-akkuza ta' hsara volontarja fuq il-bieb principali tal-hanut Laura's Place ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat u qeghda ukoll tilliberah mill-hsara volontarja f'vettura propjeta ta' Mario Cauchi; liema akkuza ma gietx ippruvata. Il-Qorti qeghda wkoll tilliberah mill-akkuza li kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat, jew b'mod iehor, kif ukoll mill-akkuza illi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, peress illi dawn l-akkuzi wkoll ma gewx ippruvati. Finalment il-Qorti tiddikjara illi l-imputat Oliver Demicoli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta' l-imputat Shaun Demicoli il-Qorti qeghda tilliberah mill-akkuza li ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Ahmet Mangirci; liema akkuza ma gietx ippruvata fuq konflitt ta' provi u ghal din ir-raguni, kif ukoll ghar-ragunijiet kollha imsemmijin aktar 'il fuq f'dan il-gudikat il-Qorti qeghda tilliberah mill-akkuza ta' hsara volontarja; liema akkuza ma gietx ippruvata, qeghda ukoll tilliberah mill-akkuzi li bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew b'ghajjat, jew b'mod iehor u talli kiser volontarjament l-bon ordni, jew il-kwiet tal-pubbliku, u ghaldaqstant ma tistax tiddikjara li huwa recidiv ai termini tal-Ligi.

Ghalhekk, in succint, l-imputat Shaun Demicoli qieghed jigi <u>liberat</u> minn kull imputazzjoni htija u piena u Oliver Demicoli qieghed jigi liberat mill-akkuzi kollha, hlief ghall-akkuza illi zamm strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti qeghda issibu <u>hati</u> biss ta' din l-akkuza wara illi rat l-Artikoli 2, 13, 19, 25, 23, 26 u 27 tal-Kapitlu 66 qeghda tikkundannah ghall-multa ta' mitt lira (LM 100) u qeghda tordna il-konfiska ta' l-armi kollha li gew elevati mill-Pulizija mir-residenza ta' Oliver Demicoli. Finalment il-Qorti tirrimarka illi ma tistax issib lill-imputati hatja tar-reat ikontemplat fl-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali peress illi fuq konflitt ta' provi ma giex ippruvat illi l-imputati jew xi hadd minnhom ha parti attiva fil-glieda li wasslet ghall-ferriment gravi ta' Ahmet Mangirci.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------